15 ta' Diċembru, 1953

**Imħallef:**
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giulia Holland *versus* Teresa Shead et.

**Kompetenza — Barmaid — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Art. 641 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*B'liġi espressa, il-Qorti tal-Kummerċ tiddeċidi l-azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarikati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ prinċipali; u per konsegwenza għandhom jiġu ritenuti kummerċjali l-azzjonijiet tal-preponenti kontra l-prepost u l-kommess in raġuni ta' fatti li jirriferixxu ruħhom għall-kummerċ tiegħu. Għaldaqstant azzjoni tal-prinċipal kontra barmaid, għar-rifużjoni ta' antiċipi ta' salarju u somministrazzjonijiet lilha magħmula in konnessjoni mal-kummerċ tal-prinċipal, hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ.*

*Meta wieħed ikollu xi pretensjoni kontra mara miżżewġa riferibilment għal xogħol li tkun għamlet, għandu jaġixxi wkoll kontra l-mara miżżewġa in unjoni ma' żewġha, u flimkien ma' l-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti; u mhix, għalhekk, attendibili l-eċċezzjoni illi l-mara ma tistax tiġi ċitata fl-istess kawża flimkien mar-raġel.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi talbet li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilha s-somma ta' £25. 2. 8 komplessivament, kwantu għal £21 bilanċ ta' import ta' antiċipu ta' salarju li ġie minnha avanzat lill-konvenuta meta im-

pjegat ruħha magħha bħala barmaid, u kwantu għal £4. 2. 8 import ta' prezz ta' birra u sigarretti lilha mibjugħa, u import ta' danni minħabba n-nuqqas tal-konvenuta fl-attendenza għall-impjeg tagħha. Bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' l-impediment tas-safar tal-20 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Teresa Shead, li ssottomettiet :—

Illi din il-Qorti hija inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae", billi l-kreditu reklamat hu għal salarju u affarijiet oħra tagħha, u billi hija barmaid u mhix kummerċjanta;

Illi, in subordine, il-kreditu mitlub, apparti r-realtà tietiegħu u kull eċċezzjoni fil-meritu, jolqot il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u żewġha, u għalhekk il-kontradittur leġittimu huwa żewġha bħala "dominus" ta' l-akkwisti; għaliex anki kieku l-antiċipazzjonijiet tas-salarju kellhom jiġu rigwardati bħala alimenti, hi ġurisprudenza kostanti illi l-mara miżżewġa mhix tenuta ħlief, se maj, "in subsidium", u ma tistax tiġi ċitata fl-istess kawża flimkien mar-raġel;

*Omissis;*

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Shead;

Illi la l-waħda u lanqas l-oħra mill-eċċezzjonijiet fuq riferiti ma tista' tiġi milqugħa;

L-ewwel waħda, għaliex b'liġi espressa din il-Qorti tiddeċidi l-azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra inkarigati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom, għall-operazzjonijiet magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal (art. 641 (a) Kodiċi Kummerċjali); u billi l-liġi titkellem dwar azzjonijiet in ġenerale, tikkomprendi għaldaqshekk l-azzjonijiet kollha li jistgħu jiġu promossi kontra l-preposti, l-aġenti u l-kommessi, minħabba l-kummerċ, jiġifieri in raġjon ta' fatti li jirriferixxu ruħhom għall-kummerċ tal-prinċipal; u per konsegwenza għandhom jiġu ritenuti kummerċjali, qabel kollox, l-azzjonijiet tal-preponenti kontra l-prepost u l-kommess in raġjon ta' fatti li jirriferixxu ruħhom għall-kummerċ tiegħu

(Mortara, Codice di Commercio Commentato, Vol. X, pag. 81);

It-tieni waħda, għaliex, kif il-mara *miżżewġa li tkun* għamlet xogħol, u tippretendi li trid titħallas għalih, għandha taġixxi hija wkoll bl-assistenza ta' żewġha flimkien ma' l-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni ta' *l-akkwisti*, għaliex għandha nteress li tkun anki hija attriċi ma' żewġha "bħala leġittimu kontradittur" tal-pretensjoni li hija tkun qiegħdha ġġib 'il quddiem, billi diversament hija *tista' jkollha* preġudizzju, u magħha anki l-komunjoni ("Libreri vs. Coleiro", App. 16 ta' Novembru 1942, Kollez. Vol. XXXI—I—266). għall-istess raġuni, meta wieħed ikollu xi pretensjoni *kontra* mara miżżewġa riferibilment għal xogħol li tkun għamlet, għandu jaġixxi wkoll kontra l-mara miżżewġa in unjoni ma' żewġha, u flimkien ma' l-istess żewġha bħala kap tal-*komunjoni* ta' l-akkwisti, għaliex dik il-mara miżżewġa u l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u żewġha għandhom interess illi l-istess mara tkun konvenuta in unjoni u flimkien ma' *l*-istess żewġha bħala leġittimu kontadittur tal-pretensjoni avanzata kontra tagħha; diversament il-mara u l-komunjoni jistgħu jirriżentu dak l-istess preġudizzju li aktar 'il fuq issemma;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti;

Tirrespinġi wkoll l-eċċezzjoni l-oħra, u kwindi tiċħad it-talba tal-konvenuta Shead biex tiġi maħruġa mill-kawża;

Tirriżerva *d-deċiżjoni ta'* l-*ispejjeż relativi* għall-*eċċezzjo*nijiet fuq riferiti għas-sentenza fil-meritu.

---

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XXXVII.**

---